# RIŻORSA 2

**Siltiet mill-Manifest tal-Futuriżmu, Filippo Tommaso Marinetti, 1908**

Il-Futuriżmu kien moviment soċjali u artistiku li oriġina fl-Italja fil-bidu tas-seklu 20. Il-Futuristi għall-ewwel kellhom kliem ta' tifħir għall-progress teknoloġiku u wrew ammirazzjoni għar-riżultati tiegħu bħalma huma l-veloċità u l-produzzjoni industrijali. Huma kienu jemmnu f'bidla soċjali rivoluzzjonarja permezz tal-vjolenza biex jeħilsu mis-sistemi l-qodma u l-metodi tal-passat. Il-Manifest tal-Futuriżmu nkiteb mill-poeta Taljan Filippo Tommaso Marinetti fl-1908. Dawn huma 3 mill-11-il prinċipju mniżżla fil-Manifest:

"(...) 7. M'hemm xejn isbaħ mill-battalja. M'hemm l-ebda kapulavur li m'għandux natura aggressiva. Il-poeżija għandha tkun ikkonċepita bħala attakk vjolenti kontra l-forzi mhux magħrufa, biex iġġegħelhom ibaxxu rashom quddiem il-bniedem. (...)
9. Aħna rridu nigglorifikaw il-gwerra – l-unika salvazzjoni tad-dinja – il-militariżmu, il-patrijottiżmu, l-imġiba qerrieda tal-anarkiċi, l-ideat is-sbieħ li lesti mmutu għalihom, u d-disprezz tal-mara.
10. Irridu nkissru l-mużewijiet, il-libreriji, niġġieldu l-moraliżmu, il-femminiżmu u kull att kodard opportunistiku u utilitarju. (...)"

*Sors: Le Figaro, 20.02.1909, Bibliothèque Nationale de France, traduzzjoni: Eugen Weber, in Paths to the Present, 1960, © Dodd, Mead and Company, Inc.*

**Definizzjoni ta' "inċitament għall-mibegħda", No Hate Speech Movement, Kunsill tal-Ewropa**

Tkopri kull forma ta' espressjoni li xxerred, tinċita, tippromwovi jew tiġġustifika l-mibegħda razzjali, il-ksenofobija, l-anti-Semitiżmu jew forom oħrajn ta' mibegħda bbażati fuq l-intolleranza, inklużi: l-intolleranza espressa b'nazzjonaliżmu u etnoċentriżmu aggressiv, id-diskriminazzjoni, u l-ostilità kontra l-minoranzi, il-migranti u l-persuni ta' oriġini immigranta.

*Sors: Rakkomandazzjoni Nru R (97)20 tal-Kumitat tal-Ministri lill-Istati Membri dwar l-"inċitament għall-mibegħda", © Kunsill tal-Ewropa*

**Aeropittura ta' Benito Mussolini "l-Avjatur", Alfredo Gauro Ambrosi, 1939**




*Sors: © AKG-Images*